MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Appell Civili Numru. 1170/2007/1

**Burlington Holdings Limited (C2581)**

**v.**

**Korporazzjoni Enemalta**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors li pprezentat is-socjeta` Burlington Holdings Limited fit-8 ta' Novembru 2007 u li jaqra hekk:

"1. Illi s-socjeta' esponenti giet notifikata b'ittra ufficjali tat-18 ta' Ottubru 2007 li kopja taghha hija hawn mehmuza u mmarkata bhala Dokument A li permezz taghha l-Korporazzjoni Enemalta interpellatha sabiex thallas is-somma ta' Lm29,139.01 allegatament dovut bhala konsum ta' dawl elettriku provdut mill-Korporazzjoni Enemalta lil kont 005099140 referibbilment ghal Burlington Holiday Complex;

"2. Illi din l-ittra saret a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Art.466 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

"3. Illi s-socjeta' esponenti qieghda topponi din it-talba u ghalhekk kif hemm dispost fl-Artikolu tal-Ligi fuq imsemmi hija qieghda tipprezenta r-rikors prezenti;

"4. Illi t-talba tal-Korporazzjoni Enemalta hija preskritta a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili u, sussidjarjament l-Art. 2151 tal-Kodici Civli;

"5. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea sussidjarja, l-ammont mitlub m'huwiex imputabbili lis-socjeta' esponenti tant illi permezz ta' ittra ufficjali tat-8 ta' Awissu 1994 (Dokument B) l-istess Korporazzjoni nterpellat lil Winston Carbone personalment sabiex ihallas l-ammont ta' Lm28,071.11c1;

"6. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea sussidjarja, l-Korporazzjoni intimata trid tipprova x'relazzjoni guridika ghandha mas-socjeta` esponenti u taht liema titolu qieghda tibbaza l-pretensjonijiet taghha;

"7. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea sussidjarja s-socjeta' esponenti ma hadet l-ebda beneficcju mis-servizz provdut u f'kull kaz l-Korporazzjoni intimata ghandha ggib prova li kien hemm attwalment tali konsum u dan mhux semplicement permezz ta' readings izda anke relattivament ghas-sistema servuta b'tali servizz ta' dawl u dan stante li l-kont apparentement jirreferi ghall-common parts f'bini u mhux kredibbli li jitla' kont tali ghall-perijodu u skop hekk limitat. L-ammont mitlub huwa ferm ezagerat;

"Ghaldaqstant, premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti xierqa u opportuni, l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi u tiddikjara illi t-talba tal-Korporazzjoni Enemalta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet premessi.

"Bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta tal-11 ta' Dicembru 2007 li in forza taghha eccepiet:

"1. Illi preliminarjament u bid-dovut rispett lejn din l-Onorabbli Qorti, din il-vertenza hija l-kompetenza tat-Tribunal ta' l-Arbitragg ai termini tal-partita 1.3 tar-Raba' Skeda ta' l-Att dwar l-Arbitragg, Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta, li jistabilixxi illi t-Tribunal ta' l-Arbitragg ikollu gurisdizzjoni eskluziva f`kull tilwima li jkollha x'taqsam mal-provvista ta' l-energija elettrika, kera ta' meter ta' l-elettriku jew kull servizz provdut mill-Korporazzjoni Enemalta ;

"2. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-Korporazzjoni tissottometti umilment illi l-ammonti rikjesti huma dovuti mis-socjeta' interpellata, cioe' Burlington Holdings Limited ;

"3. Illi fil-fatt il-mertu ta' din il-kawza gia' gie trattat, u definittivament deciz wara proceduri inizjati mis-socjeta' rikorrenti stess, quddiem din l-Onorabbli Qorti u quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Superjuri), vide kawza fl-ismijiet

Winston Carbone ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Burlington Holdings Limited vs Tancred Tabone bhala Chairman u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma u l-Perit Joseph Ellul Vincenti bhala Chairman ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta (Cit. Nru. 136/1995, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Lulju 2007), kopja legali hawn annessa u markata Dok. SA1. Din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex isservi ta' stadju ta' appell ulterjuri mill-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell;

"4. Illi ghalhekk huwa lampanti l-fatt illi filwaqt illi l-kont kien registrat fuq isem Winston Carbone, il-fond in kwistjoni, u cioe' fejn sehh il-konsum li tieghu l-Korporazzjoni konvenuta tezigi l-hlas, kien il-proprjeta' tas-socjeta' attrici u li Winston Carbone, li dak iz-zmien kien awtorizzat jidher ghan-nom ta' l-imsemmija socjeta', kien assuma r-responsabilita' ghan-nom tas-socjeta' rikorrenti, li fl-ahhar mill-ahhar kienet, bhal sid il-fond, uzufruwiet mill-konsum ta' l-elettriku ;

"5. Illi d-delegata taf bil-fatti kif esposti minn dak li gie rrapurtat u mid-dokumenti esebiti.

"Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, il-Korporazzjoni Enemalta titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba attrici bhala nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, u ghalhekk tiddikjara lis-socjeta' attrici debitrici tal-Korporazzjoni Konvenuta fl-ammonti ndikati fl-ittra ufficjali datata 18 ta' Ottubru 2007 (Dok. A) bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-attur."

Rat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta' April 2008 li permezz taghha cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-korporazzjoni intimata;

Rat is-sentenza tal-istess Qorti moghtija fit-12 ta' Jannar 2011 li permezz taghha wara illi iddikjarat is-socjeta` attrici bhala legittima kontradittrici ghall-fini tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Ottubru 2007, iddikjarat preskritta skont l-Artikolu

2156 (f) tal-Kap. 16 is-somma ta’ €67,585.21 u iddikjarat li l-istess ittra ufficjali kellha tibqa’ effettiva biss ghas-somma ta’ €290.42; bl-ispejjez bla taxxa bejn il-partijiet;

Illi minhabba n-natura tal-kawza jkun tajjeb li tigi riprodotta parti sostanzjali tas-sentenza appellata;

> “Fis-26 ta` Ottubru 2007, ir-rikorrenti kienet notifikata b’ittra ufficjali tal-intimata tat-18 ta` Ottubru 2007 (Dok. EN1 a fol 51 sa 52) fejn kienet interpellata thallas l-ammont ta’ Lm29,139.01 bhala kont ta` konsum ta` dawl elettriku bin-numru 005099140 li jirreferi ghall-Burlington Holiday Complex.
>
> “Ir-rikorrenti mexxiet kontra l-intimata bil-procedura skond l-**Art.466 tal-Kap.12** sabiex dik l-ittra ufficjali ma ssirx titolu ezekuttiv fil-konfront taghha ghax qeghda tghid li t-talba tal-intimata hija preskritta bid-dekors ta` hames snin skond l-Art.2156(f) tal-Kap.16 u sussidjarament skond l-Art. 2151 tal-Kap.16. Tghid inoltre li dak l-ammont ma jistax jigi pretiz minghandha izda ghandu jigi reklamat minghand Winston Carbone personalment. Jirrizulta li fit-18 ta` Awissu 1994, Winston Carbone kien notifikat b`ittra ufficjali tat-8 ta` Awissu 1994 prezentata kontrih mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma ghall-ammont ta` Lm 28,442.40 (Dok EN2 a fol 55 u 56) dovut minnu ghall-konsum ta` l-elettriku u kera tal-meter ta` l-elettriku fil-fond Burlington Complex, Dragonara Road, San Giljan, fil-perijodu ta` bejn it-8 ta` Jannar 1992 u s-17 ta` Jannar 1994. Ir-rikorrenti tkompli tinsisti li jispetta lill-intimata li tipprova ir-relazzjoni guridika taghha mar-rikorrenti, u t-titolu li fuqu qeghda tibbaza l-pretensjonijiet taghha.
>
> “Mix-xhieda ta` Eric Montfort, ufficjal tal-korporazzjoni intimata (fol 100 et seq), irrizulta li l-applikazzjoni ghas-servizz fil-Burlington Complex, Dragonara Road, San Giljan, saret minn Winston Carbone fit-23 ta` Jannar 1989. Il-meter igib in-numru 8777551. Kien esebit bhala Dok EM1 prospett datat 8 ta` Gunju 2009 li juri kif svolga l-kont sa mill-1993 fuq dak il-meter. Ix-xhud ikkonferma li fil-fatt kien inhareg il-kont esebit bhala Dok PBC1 fejn is-*subscriber* kien Winston Carbone bl-indirizz *Burlington Complex Office, Triq id-Dragunara, San Giljan*.

“**Ikkunsidrat:**

“Din il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza fl-ismijiet *Carbone noe vs Tabone noe et* (Citaz. Nru. 136/95/TM) li jinsabu allegati mal-atti tal-kawza u li jikkostitwixxu prova anke ghall-fini ta` din il-kawza.

“Dik il-kawza kienet prezentata fil-31 ta` Jannar 1995. Winston Carbone ghannom u in rapprezentanza tas-socjeta` Burlington Holdings Ltd ipprezenta citazzjoni kontra l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u kontra l-Korporazzjoni Enemalta flimkien.

“Fil-premessi tac-citazzjoni, l-attur sostna li *pro et nomine huwa l-propjetarju ta` ambjent maghruf bhala Burlington Complex f`Dragonara Road, San Giljan.* Huwa sostna wkoll *inter alia* li kienet infondata l-pretesa tal-konvenuti li jithallsu minghandu s-somma ta` Lm 28,442.40 ghal konsum ta` dawl relattivament ghall-kumpless fuq riferit skond ittra ufficjali taghhom tat-8 ta` Awissu 1994 ghar-ragunijiet li ndika. Ghalhekk talab lill-Qorti sabiex *inter alia* tiddikjara li s-somma ta` Lm 28,442.40 ma kenitx dovuta. Fin-noti ta` eccezzjonijiet taghhom, iz-zewg korporazzjonijiet konvenuti kkontestaw it-talbiet attrici fil-mertu.

“Mill-provi li ressaq l-attur f`dik il-kawza, l-unika rilevanti ghall-procedura tal-lum kienet il-konferma da parti tax-xhud Winston Carbone tad-dikjarazzjoni guramentata li kienet annessa mac-citazzjoni fejn allura kien qal li *pro et nomine huwa l-propjetarju ta` ambjent maghruf bhala Burlington Complex f`Dragonara Road, San Giljan*.

“Fl-istadju tal-provi tal-korporazzjonijiet konvenuti, tressaq dokument markat AA1 a fol 98 *et seq* tal-process ta` dik il-kawza li huwa *ledger sheet* bil-konteggi tal-ammonti pretizi ghar-rigward tal-provvista tad-dawl elettriku. Mid-dokument jirrizulta li n-numru tal-kont kien 005099140 u kien isejjah lil *Winston Carbone* ta` *Burlington Complex Office, Dragonara Road, St. Julians.* In-numru tal-meter kien 8777581.

"Il-kawza kienet deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta` Dicembru 2003. Fil-*considerandi* l-Qorti rrilevat li *s-socjeta` attrici hija propjetarja ta` kumpless f`San Giljan maghruf bhala Burlington Complex* (fol 118). Fid-*decide* il-Qorti cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghha wara li ddikjarat ruhha *mhux sodisfatta li s-socjeta` attrici rnexxielha tipprova li l-konsum in kwistjoni huwa esagerat u ma jirrispekkjax ir-realta`.*

"Il-kumpannija attrici appellat u talbet ir-revoka tas-sentenza tal-Ewwel Qorti ghar-ragunijiet li tat. Fl-esposizzjoni tal-fatti ghall-fini tal-appell, il-kumpannija attrici tghid (fol 126) li *hija s-sid tal-common parts ta` blokk ta` bini f`San Giljan maghruf bhala Burlington Complex.* Fir-risposti taghhom, il-korporazzjonijiet konvenuti talbu l-konferma tas-sentenza appellata.

"Fis-sentenza taghha tas-27 ta` Lulju 2007 (fol 172 sa 177), il-Qorti tal-Appell cahdet l-appell u kkonfermat is-sentenza appellata. Fis-sentenza kien riaffermat il-fatt li s-socjeta` attrici kienet is-sid tal-*common parts* tal-blokk fejn kien jinsab il-meter.

"**Ikkunsidrat:**

"Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghha, ir-rikorrenti tghid li rrizulta li r-*registered subscriber* tas-servizz li ghalih kien jirreferi l-kont in kwistjoni kien Winston Carbone mhux ir-rikorrenti. Hekk jirrizulta wkoll mill-fatt li l-ittra ufficjali tat-8 ta` Awissu 1994 fejn kien reklamat il-hlas ghas-servizz tad-dawl kienet prezentata kontra Winston Carbone mhux kontra r-rikorrenti. Ma hemmx prova li Winston Carbone assuma xi responsabilita` ta` hlas f'isem ir-rikorrenti. Il-mod kif agixxiet ir-rikorrenti fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell mhix prova li assumiet l-obbligu tal-hlas. Dwar il-preskrizzjoni, ir-rikorrenti tghid li sa Awissu 1994 kien hemm kont pendenti ta` Lm 28,442.40 ghalkemm fl-ittra ufficjali taghha Dok.A l-intimata talbet Lm 730 aktar. Bla dubju, l-ammonti pretizi mill-intimata li jmorru oltre l-hames snin ta` qabel it-18 ta` Ottubru 2007 huma preskritti. Ir-rikorrenti tikkontesta li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tinterrompi l-preskrizzjoni. F`dik is-sentenza il-Qorti ma ddikjaratx li r-rikorrenti kienet debitrici tant li l-kawza kienet deciza kontra r-rikorrenti ghaliex ma ppruvatx sal-grad rikjest mil-ligi li l-konsum registrat kien wiehed esagerat kif kien pretiz minnha.

"Fin-nota responsiva taghha, l-intimata tghid li s-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell fuq riferita hija rilevanti ghall-kaz tal-lum ghaliex hemm kien deciz li l-kont kien tajjeb u kien dovut mir-rikorrenti kif ukoll li dik is-sentenza tikkostitwixxi *res judicata*. L-ittra ufficjali tat-18 ta' Ottubru 2007 kienet prezentata in segwitu ghal dik is-sentenza.

"**Ikkunsidrat:**

"Din il-Qorti sejra tittratta l-ewwel il-kwistjoni tal-**legittimita` tal-persuna**. U cioe` min huwa l-legittimu kontradittur tal-intimata - jekk huwiex Winston Carbone de proprio jew ir-rikorrenti.

"Sabiex tghid li kellha relazzjoni guridika mar-rikorrenti mhux ma` Winston Carbone de proprio, l-intimata qeghda tistrieh ghal kollox fuq l-atti tal-kawza *Carbone noe kontra Tabone noe et* (Citaz. Nru. 136/95) deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta` Lulju 2007.

"Din il-Qorti diga` ghamlet rassenja ta` dawk l-atti. Qieset ukoll provi ohra li tressqu fl-ambitu ta` din il-procedura. Din il-Qorti tghid li ghalkemm fl-ewwel premessa tal-kawza Nru.136/95 jinghad li l-attur *pro et nomine huwa propjetarju* ta` Burlington Complex, dik il-kawza saret minn Winston Carbone *ghan-nom u in rappresentanza tas-societa` Burlington Holdings Limited.* U saret propju ghaliex Winston Carbone de *proprio* kien notifikat b`ittra ufficjali prezentata mill-intimati kontrih fit-8 ta` Awissu 1994 (Dok B a fol 5). *Eppure* ghalkemm kien Carbone *de proprio* li kien interpellat biex ihallas il-pretensjoni kif dedotta f`dik l-ittra ufficjali, il-kawza Nru.136/95 ma kenitx istitwita minn Carbone *de proprio* izda mill-istess Carbone pero` *nomine* ghal Burlington Holdings Limited. U matul l-*iter* kollu tal-kawza Nru.136/95, mill-bidu sal-ahhar, ma kien hemm l-ebda eccezzjoni, kontestazzjoni jew rizerva ta` xi parti fis-sens li l-kawza ma kellhiex issir mill-kumpannija izda minn Carbone *de proprio*.

"Il-procedura tal-lum tirrigwarda ittra ufficjali ohra u cioe` dik prezentata fit-18 ta` Ottubru 2007 (Dok A a fol 4) kontra l-kumpannija Burlington Holdings Limited. Skond l-intimata, dik l-ittra ufficjali kienet prezentata bhala konsegwenza tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fis-27 ta` Lulju 2007 fuq riferita. Fil-provi li ressqet ghall-fini tal-procedura tal-lum, ir-rikorrenti ma tat l-ebda

konsiderazzjoni ghall-posizzjoni li kienet hadet fil-kawza Nru.136/95. Anzi fil-procedura tal-lum, hadet l-istanza li d-debitur kien Winston Carbone *de proprio* mhux hi ghaliex ir-*registered subscriber* kien Carbone *de proprio*.

"Din il-Qorti qieset dak li xehed Eric Montfort tal-Korporazzjoni Enemalta meta kien mistoqsi specifikament dwar din il-kwistjoni u tghid minghajr l-icken dubbju li x-xhieda tieghu ma twassalx sabiex tistabilixxi li l-konsumatur kien Carbone *de proprio* mhux ir-rikorrenti. Ghall-fini tal-procedura tal-lum, l-ahjar prova kellha tkun l-applikazzjoni ghas-servizz tad-dawl u ilma fil-kumpless in kwistjoni u allura dokument. Minnu kellu jirrizulta min kien l-applikant u cioe` jekk kienx persuna fisika inkella persuna morali. Dan id-dokument u cioe` din l-ahjar prova baqghet ma tressqitx u ghal din il-Qorti dak mistqarr minn Eric Montfort mhux bizzejjed lanqas fuq bilanc ta` probabilitajiet biex iserrah mohh din il-Qorti li l-konsumatur kien tassew u hadd hlief Winston Carbone de *proprio*. Dan tghidu anke ghax hija edotta mill-atti kollha tal-kawza Nru.136/95 li jikkostitwixxu prova ghall-fini tal-procedura tal-lum. Kif dak li xehed Eric Montfort mhux konklussiv bhala prova ladarba baqghet ma gietx esebita l-applikazzjoni ghas-servizz, daqstant iehor din il-Qorti tqis biss bhala indikattiva (pero` mhux konklussiva ghall-fini tal-procedura tal-lum) il-prova ta` l-kont bin-numru 005099140 kien jidher li nhareg fuq Winston Carbone bl-indirizz Burlington Complex Office, Triq id-Dragunara, San Giljan ghall-ammont ta' €67,953.67.

"Fl-assjem tal-provi u cirkostanzi tal-kaz, din il-Qorti tghid li *anke* fuq bazi ta` probabilita` ir-relazzjoni guridika li kellhom l-intimati kienet mar-rikorrenti mhux ma` Winston Carbone *de proprio*. L-imgieba ta` Carbone specjalment kif din tohrog mill-atti tal-kawza Nru.136/95 kienet fis-sens li huwa kien qieghed jagixxi mhux *de proprio* izda bhala rapprezentant tar-rikorrenti. F`ebda stadju ta` dik il-kawza ma` Winston Carbone *de proprio* ma vvanta xi drittijiet jew pretensjonijiet kontra l-intimati.

"Ghalhekk l-ittra ufficjali tat-18 ta` Ottubru 2007 kienet prezentata korrettement kontra l-kontradittur propju taghha u cioe` ir-rikorrent Burlington Holdings Limited.

"**Ikkunsidrat:**

“Tghaddi issa biex tqis **il-kwistjoni tal-preskrizzjoni** abbazi tad-disposizzjonijiet citati mir-rikorrenti.

“Ir-rikorrenti ticcita l-**Art.2156(f) tal-Kap.16**. Skond din id-disposizzjoni, *l-azzjonijiet ghall-hlas ta’ kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa’, skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku* jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ hames snin.

“Fl-ittra ufficjali tat-18 ta` Ottubru 2007 (Dok A a fol 4), l-ammont mitlub kien ta` Lm 29,139.01 u cioe` EUR 67,875.61. Fuq insistenza tar-rikorrenti, kien esebit prospett (Dok EM1 a fol 95 u 96) datat 8 ta` Gunju 2009 li juri ammont bilancjali ta` €68,126.62. Il-prospett juri kif inbena l-kont bejn is-17 ta` Settembru 1996 u t-22 ta` Mejju 2009. Fl-istess prospett, l-ammont ta` EUR 67,875.61 huwa abbinat mad-data tat-22 ta` Gunju 2007.

“Ghall-fini ta` l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, l-ittra ufficjali tat-8 ta` Awissu 1994 m’ghandhiex rilevanza ghaliex hemm it-talba ghall-hlas saret lil Winston Carbone *de proprio* mhux lir-rikorrenti.

“Tinsorgi pero` l-kwistjoni jekk il-pretensjoni tal-intimati ghall-hlas tas-servizz de quo baqghet veljanti, anke ghall-fini ta’ preskrizzjoni, bil-presentata u notifika tan-nota tal-eccezzjonijiet fil-kawza Nru.136/95 li fl-ewwel eccezzjoni kienet tghid hekk – ***Illi l-ammont ta` tmienja u ghoxrin elf, erba` mija u tnejn u erbghin lira maltija u erbghin centezmu (Lm 28,442.40) huwa verament dovut mill-attur nomine lill-konvenut***.

“Din il-Qorti tghid li l-presentata ta` dik in-nota tal-eccezzjonijiet kif dedotta fit-23 ta` Mejju 1995 (u relattiva notifika fis-26 ta` Mejju 1995) kellha l-effett li tinterrompi l-preskrizzjoni ta` d-dritt ta` l-azzjoni tal-intimati kontra r-r-rikorrenti ghall-fini tal-**Art.2128 tal-Kap.16**. Din il-Qorti ssib sostenn fis-sentenzi moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza “**Saviour Bezzina vs Carmelo Borg**” (mhux pubblikata) deciza fil-25 ta` Marzu 1974 u “**Carmelo Tabone vs Michele Tabone**” (Kollez. Vol. XLI.II.1173) deciza fit-28 ta` Novembru 1957.

"Din il-Qorti tkompli tghid izda li l-effett ta` dak l-att gudizzjarju kien li **<u>jinterrompi mhux jissospendi</u>** l-preskrizzjoni (ara – "**<u>Giuseppe Formosa Speranza noe vs Pietro Guglielmo Camilleri</u>**" – Qorti tal-Appell – 16 ta` Jannar 1933 – Kollez. Vol. XXVIII.I.740 u **<u>"Paolo Borg vs Francis Grech et"</u>** – Qorti tal-Appell – 22 ta` Dicembru 1948 – Kollez. Vol. XXXIII.I.695).

"Ghalhekk il-preskrizzjoni bdiet tiskatta mill-gdid b`effett mis-26 ta` Mejju 2000 salv il-presentata u notifika ta` att gudizzjarju iehor li kien jerga` jinterrompi l-preskrizzjoni. Issa fil-kaz tal-lum irrizulta li l-uniku att gudizzjarju iehor prezentat mill-intimati kienet l-ittra ufficjali tat-18 ta` Ottubru 2007 (Dok A a fol 4) fejn saret talba ghall-hlas ta` Lm 29,139.01c (ekwivalenti ghal €67,875.61) minghand ir-rikorrenti *bhala konsum ta` dawl elettriku provdut mill-Korporazzjoni Enemalta lill-kont 005099140 referibilment ghall-Burlington Holiday Complex.*

"Fl-isfond tal-premess, din il-Qorti tghid li ghall-ammont pretiz fl-ittra ufficjali tat-18 ta` Ottubru 2007 (u notifikata fis-26 ta` Ottubru 2007) hija valida l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-hames snin tar-rikorrenti <u>limitatament</u> ghal dawk l-ammonti kollha li jipprecedu t-18 ta` Ottubru 2002. Abbazi tal-prospett Dok EM1 a fol 95 u 96, sal-5 ta` Awwissu 2002, kien pretiz l-ammont komplessiv ta` €67,598.54. Din il-Qorti tghid li fil-konfront tar-rikorrenti dak l-ammont huwa kolpit mill-preskrizzjoni tal-hames snin. Wara dik id-data u sat-18 ta` Ottubru 2007, il-kont tela` b**<u>`€290.42</u>** u cioe` mill-€67598.54 tal-5 ta` Awissu 2002 sal-€67888.96 tal-15 ta` Novembru 2007. **<u>Din l-ahhar somma mhix kolpita fil-preskrizzjoni skond l-Art.2156(f) tal-Kap.16</u>**.

"**Ikkunsidrat:**

"Fin-nota responsiva taghha, l-intimata tressaq l-argument li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta` Lulju 2007 fil-kawza *Carbone noe kontra Tabone noe et* (Citaz. Nru. 136/95) kienet tikkostitwixxi ***<u>res judicata</u>*** bejn il-partijiet fis-sens li l-esitu ta` dik il-kawza kellu l-effett li johloq obbligu tar-rikorrenti li thallas lill-intimata.

"Din il-Qorti ma taqbilx ma` dan l-argument.

> "Is-sentenza tas-27 ta` Ottubru 2007 ma tohloqx obbligu tal-hlas kif pretiz mill-intimata ghall-fini tal-ittra ufficjali tat-18 ta` Ottubru 2007. Infatti huwa evidenti mill-atti li f`dik il-kawza l-intimata ma ressqet l-ebda kontrotalba. U allura l-Qorti ma kenitx mitluba mill-intimata sabiex tordna jew tikkundanna lir-rikorrenti sabiex thallas il-kont pretiz minnha. Huwa pacifiku li t-tliet rekwiziti tar-*res judicata* huma tlieta: l-identita' tal-persuni (*eadem personae)* l-identita` tat-talba (*eadem res)* u l-identita` tat-talba (*eadem causa petendi*). Fil-kaz tal-procedura tal-lum, hemm karenti l-ahhar zewg elementi. Diga` rajna li l-kawza Nru.136/95 saret *principalment* sabiex l-ammont li kien pretiz bl-ittra ufficjali tat-8 ta` Awissu 1994 ma jithallasx b`ordni tal-Qorti. Issa fis-sentenza taghha tas-27 ta` Ottubru 2007, il-Qorti tal-Appell ma ddikjaratx li l-ammont in kwistjoni kien dovut izda li r-rikorrenti ma kenitx ippruvat il-kaz taghha sal-grad rikjest mil-ligi, kif del resto kienet qalet l-ewwel Qorti. Mela ghall-fini tal-procedura tal-lum ma hemm l-ebda kwistjoni ta` *res judicata*."

Rat ir-rikors tal-appell tal-korporazzjoni Enemalta li permezz tieghu talbet ir-revoka tas-sentenza imsemmija u talbet li l-Qorti tichad it-talbiet tas-socjeta` attrici interament bl-ispejjez kontra taghha;

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici li permezz taghha irrespingiet it-talba tal-appellanti u l-appell incidentali propost minnha fejn talbet revoka tal-partijiet tas-sentenza li fihom kienet sokkombenti u cioe` dwar l-ewwel talba taghha u l-kundanna ghall-hlas ta' €290.42 bl-ispejjez kontra l-korporazzjoni appellanti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Mejju 2014 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

**AGGRAVJI TAL-APPELLANT**

L-appellanti qed tressaq quddiem din il-Qorti zewg aggravji.

**L-ewwel aggravju** jirrigwardja l-kompetenza tal-Qorti u c-cahda tal-eccezzjoni tal-appellanti permezz tas-sentenza tat-30 ta' April 2008. Hija ssostni lli skont il-Kap. 387 huwa stabbilit li kwistjonijiet simili jaqghu taht il-kompetenza esklussiva tat-Tribunal tal-Arbitragg.

Huwa pero car ghall-Qorti li l-Artikolu 1.3 tar-raba skeda indikat mill-appellanti jghid ukoll car u tond li din id-disposizzjoni hija 'bla hsara … ghad-dispsozizzjonijiet tal-Artikolu 466 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili'. Meta allura din il-kawza skattat wara li giet mibghuta ittra ufficjali lis-socjeta` appellata ai termini ta' dan l-Artikolu 466 huwa evidenti li l-ewwel Qorti kienet korretta fis-sentenza preliminari taghha tat-30 ta' April 2008.

Ghandu jinghad li d-difensur tal-korporazzjoni fl-istadju tal-appell irrikonoxxa lealment dan waqt it-trattazzjoni tieghu.

Dan l-artikolu infatti jghid li l-parti li tircievi l-att gudizzjarju skont dan l-artiklu ghandu jipprezenta rikors **quddiem il-Qorti** u allura din kienet l uniku triq li kellha s-socjeta` attrici issa appellata biex tikkontesta l-allegat kreditu tal-korporazzjoni.

Ghalhekk dan l-aggravju huwa respint.

**It-tieni aggravju** jista’ jinqasam fi tnejn u jincidi fuq il-mertu propju tal-kaz.

L-ewwel parti jirrigwarda l-eccezzjoni tal-korporazzjoni li l-materja bejn il-partijiet ghaddiet in gudikat permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ewwel kawza bejn il-partijiet moghtija fis-27 ta’ Lulju 2007. It-tieni parti tirrigwarda l-preskrizzjoni li l-ewwel Qorti ddikjarat applikabbli ghal parti sostanzjali sewwa mis-somma mitluba mill-korporazzjoni.

Il-kwistjoni dwar jekk is-sentenza msemmija tikkostitwix *res iudicata* jew le hija dibattibbli. Huwa maghruf illi biex ikun hemm *res iudicata* jrid ikun hemm tlett elementi; *eadem personae, eadem res* u *eadem causa petendi.*

Il-kuncett tar-*res iudicata* huwa infatti ta' ordni u interess pubbliku – *ihares ic-certezzi tad-drittjiet li gew definiti b'sentenza, ibieghed il-possibilita` ta' sentenzi ma jaqblux jew imorru kontra xulxin u taghlaq il-bieb ghall-kwistjonijiet li jkunu gew stabbiliti b'sentenza* – *(***Galea v. Falzon** – Prim' Awla – 7 ta' Frar 2002*).*

Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, minghajr dubju l-kawza hija bejn l-istess partijiet. Fl-ewwel kawza wkoll is-socjeta` appellata talbet (fost affarijiet ohra) dikjarazzjoni li hija ma kellhiex thallas is-somma mitluba mill-korporazzjoni – ghalhekk hawnhekk din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel Qorti li l-hekk imsejjha "res" hija differenti minn dik tal-ewwel kawza. Huwa pero` fatt li, kif osservat l-ewwel Qorti, l-ewwel kawza kienet ibbazata fuq kawzali differenti – dak in-nhar ikkontestat principalment il-'quantum' tal-ammont mitlub u issa barra li ghadha tinsisti li hija ma kellhiex taghti dak l-ammont, issollevat il-kwistjoni tal-preskrizzjoni. Ghandu jinghad li din qamet appuntu ghaliex sal-2007 kienet ghaddejja l-kawza l-ohra u kien meta giet deciza minn din il-Qorti dik il-kawza li l-korporazzjoni regghet intavolat ittra ufficjali biex tirrendi esekuttiv l-allegat kreditu taghha kontra s-socjeta` attrici.

L-iskop tal-principju tar-*res iudicata*, kif inghad, hu evidenti u cioe` li l-legizlatur hass li ma jistax ikun hemm stat ta' incertezza indefinita fejn jidhlu kwistjonijiet ta' drittijiet akkwiziti wara process gudizzjarju. Il-gurisprudenza taghna hija ghanja f'dan ir-rigward u per ezempju il-Qorti qed ticcita il-kawza **Bugeja v. Azzopardi** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Gunju 2001 li ticcita diversi sentenzi ohra. Fost affarijet ohra per ezempju il-Qorti qalet:

> *"L-ebda dispozizzjoni fil-ligi taghna ma taghti lok li titressaq citazzjoni sabiex sentenza li tkun ghaddiet in gudikat tigi dikjarata nulla u bla effett u l-Qorti tieqaf hemm. Ghalhekk din il-Qorti mhiex se tisma' l-provi dwar x'kienet il-procedura segwita f'kawza li ghaddiet in gudikat u li fiha ma giex utilizzat ir-rimedju provdut mil-ligi sabiex tali sentenza tigi attakkata."*

Fil-kawza **Gerada v. Caruana** msemmija mill-istess sentenza u li giet deciza fl-1973 intqal:

> "*L-effikacja guridika u socjali tal-gudikat tirrikjedi illi l-amministrazzjoni tal-gustizzja da parti tal-Qorti tal-pajjiz ma tigix imfixkla u intralcjata billi fi kwalunkwe zmien u bla ebda limiti l-parti li titlef kawza terga' tqajjem kwistjonijiet rigward taghha u terga' tiftahha.*"

Fil-ftuh tat-trattat tieghu dwar dan l-istitut, **Laurent** jiccita awtur iehor **Pothier** li jghid *L' autorita` della cosa giudicata fa presumere vero e giusto tutto cio' che si contiene nella sentenza – res iudicata pro veritate accipitur.*

Interessanti dak li qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Maria Lourdes Cassar v. Carmela Camilleri** deciza fil-25 ta' Frar 2009 – naturalment f'kuntest differenti ghal dak odjern fejn il-Qorti kellha quddiemha kawza ghal zgumbrament;

> "F'din il-kawza l-atturi finalment qed jitolbu l-izgombrament tal-art inkwistjoni peress li skont huma l-konvenuti ma ghandhom titolu legali ghaliha. Dan ghaliex skont huma, ladraba skada t-terminu indikat mill-iskrittura bejn il-partijiet li saret fl-1961 it-titolu ta' lokazzjoni li kellhom intemm.

> "Fis-sentenza tal-1991 il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Bord li jirregola l-kiri tar-raba billi cahad it-talbiet tar-rikorrenti li jirriprendu l-gardina bl-iskop li jibnu fuqha billi gie dikjarat li l-art kienet saqwi. Dik tal-1996 ma ghandha ebda rilevanza ghaliex iddecidiet dwar il-kompetenza. Iz-zewg sentenzi ohra cahdu talbiet simili minhabba allegat ksur tal-kondizzjonijiet tal-kirja u non uzu tal-gardina rispettivament. F'din il-kawza issa l-atturi qed jghidu li l-konvenuti ma ghandhomx titolu u addirittura ilhom bla titolu mill-iskadenza tal-iskrittura.

> "Il-Qorti thoss li jekk thalli l-kawza titkompla u allura thalli l-possibilta` li jigi dikjarat li mal-iskadenza ta' din l-iskrittura (1973) intemm it-titolu tal-konvenuti, tkun qeghda necessarjament tiddikjara ineffikaci dak li l-Qorti tal-Appell iddikjarat effikaci u jistabilixxi r-rapport guridiku bejn il-partijiet. Is-sentenzi tal-1991 u tal-2002 u l-2007 ikkonfermaw li l-konvenuti ma setghux jigu zgombrati ghar-ragunijiet indikati fir-rikorsi promoturi <u>li minnhom infushom jipprospettaw titolu</u>. Huwa veru illi l-eccezzjoni tar-res iudicata ghandha tigi ammessa b'hafna cirkospezzjoni (**Gerada v. Caruana** – Qorti tal-Appell 7 ta' Marzu 1958) izda fl-istess hin l-istess sentenza tghid 'xi drabi jigri illi d-decizjoni mhix interament fil-parti dispozittiva taghha izda anke fil-parti razzjonali taghha meta fil-motivazzjoni tigi definita u rizoluta l-vera kwistjoni b'mod li dik il-parti tkun il-premessa logika u necessarja tad-dispozittiv u allura dik il-parti tifforma haga wahda mad-dispozittiv, li kollha flimkien jiffurmaw il-gudikat.' Dawk is-sentenzi allura kkonfermaw li l-konvenuti dak in-nhar kellhom titolu b'sahhtu bizzejjed biex ma jigux zgombrati u l-Qorti ma tistax issa tigi f'pozizzjoni li tiddikjara illi fl-1973 dak it-titolu ma kienx jezisti!"

Fil-kawza fl-ismijiet **Eugenio Borg v. Saverio Farrugia** (Qorti tal-Appell, 31 ta' Marzu 1952) intqal illi:

> "Hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat anke meta l-meritu tal-kawza ghalkemm distint minn dak ta' qabel jifforma parti mill-istess haga jekk il-punt kontrovers ikun l-istess...'"

L-istess (bhal dak li ssemma' fil-kawza **Cassar v. Camilleri**) jigri f'din il-kawza jekk il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta` appellata – tirrendi ineffikaci dak deciz finalment minn din l-istess Qorti fl-2007 u dan meta l-kwistjoni tal-preskrizzjoni qamet appuntu wara li inghatat dik id-decizjoni ghaliex meta giet intavolata dik il-kawza il-kreditu tal-korporazzjoni certament ma kienx preskritt.

Ghalkemm strettament mhux necessarju li jsiru konsiderazzjonijiet ohra, din il-Qorti hi tal-fehma li huwa opportun jigi rilevat illi anke jekk kellha tghid li ma kienx hemm *res iudicata* bejn il-partijiet fuq il-materja, il-korporazzjoni appellanti ghandha ragun ukoll tghid li l-preskrizzjoni giet interrotta mill-gdid fl-2003 meta hija pprezentat ir-risposta tal-appell maghmul mis-socjeta` appellata fuq is-sentenza tal-ewwel Qorti moghtija fil-11 ta' Dicembru 2003. L-appell sar naturalment granet wara u giet prezentata risposta mill-korporazzjoni. Ma hemm ebda raguni valida ghaliex wiehed ghandu jiddistingwi f'dan l-aspett bejn interruzzjoni tal-preskrizzjoni permezz ta' nota tal-eccezzjonijiet jew illum permezz ta' risposta guramentata. Kif sewwa rrilevat il-korporazzjoni appellanti, ir-risposta hija ukoll att gudizzjarju u allura

jinterrompi l-preskrizzjoni bhal kull att gudizzjarju iehor. Wiehed ma jridx jinsa ukoll illi fi proceduri simili, huwa d-debitur li jrid jattakka l-att gudizzjarju u allura wara dak l-istadju l-allegat kreditur irid **jiddefendi** l-kawza hu. Ghalhekk il-preskrizzjoni relattiva ma lahqitx skadiet fl-2007, una volta giet interrotta fl-2003.

Ghalhekk dawn l-aggravji jirrizultaw lill-Qorti li se tilqa' l-appell.

**APPELL INCIDENTALI**

Kif issemma' is-socjeta` attrici regghet insistiet li hija ma kinitx legittima kontradittrici ghal dawn il-proceduri. Madankollu in vista ta' dak li gia` inghad, ghalkemm dan il-punt m kienx dibattut 'ut sic' fl-ewwel kawza, is-sentenza tal-2007 **rabtet** indubbjament il-partijiet f'din il-kawza, u kwindi ma hemmx lok ta' x'wiehed izid. Il-Qorti pero` ghal kull buon fini u a skans ta' ripetizzjoni, tghid illi taqbel perfettament ma' dak kollu li qalet l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward a fol. 123 u 124 tal-process (pagna 7 u 8 tas-sentenza) u cioe` li kien evidenti mill-atti u mill-provi illi r-relazzjoni guridika in kwistjoni kienet bejn il-korporazzjoni appellanti u Winston Carbone bhala raprezentant tas-socjeta` appellata. Kull konsiderazzjoni ohra imsemmija mis-socjeta` appellata fir-rigward (bhal dak li qal ix-xhud Montfort li semplicement indika l-persuna li applikat originarjament

ghas-servizz u cioe` l-imsemmi Carbone) hija f'dan l-istadju ghal kollox irrilevanti.

Kwantu ghall-aggravju l-iehor u cioe` li anke s-somma ta' €290.42 kellha tkun dikjarata preskritta in vista ta' dak li gia` ssemma', huwa car li dan mhux fondat u allura se jkun michud.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddisponi mill-appell principali billi tilqghu u ghalhekk tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-korporazzjoni appellanta (eccetto l-ewwel eccezzjoni) u tichad it-talbiet tas-socjeta` attrici Burlington Holdings Limited; tiddisponi mill-appell incidentali billi tichdu.

L-ispejjez kollha u cioe` kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appelli imsemmija huma a kariku tas-socjeta` Burlington Holdings Limited eccetto dawk tas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta' April 2008 li jibqghu a kariku tal-Korporazzjoni appellanti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------